MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2022

Appell Inferjuri Numru 310/2019 LM

**Ellul Classic Design Woodworks Limited (C64804)**
*('is-soċjetà appellanta')*

***vs.***

**Roni Demanuele**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà attriċi **Ellul Classic Design Woodworks Limited (C 64804)** [hawnhekk 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] tat-13 ta' Lulju, 2021, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha t-Tribunal ċaħad it-talbiet prinċipali tas-soċjetà attriċi u rikonvenzjonata,

flimkien mal-eċċezzjonijiet tagħha għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut rikonvenzjonant **Roni Demanuele** [hawnhekk 'l-appellat'], laqa' t-talba rikonvenzjonali u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut għat-talba prinċipali tal-attriċi, u b'hekk ordna lis-soċjetà attriċi rikonvenzjonata tirrifondi lura lill-konvenut rikonvenzjonant is-somma ta' €900, bl-imgħax legali mit-18 ta' Novembru, 2019 sad-data tal-pagament effettiv.

**Fatti**

2. Permezz tar-rikors prinċipali quddiem it-Tribunal, is-soċjetà attriċi spjegat li hija għamlet xogħlijiet, konsistenti f'seba' bibien interni bl-injam tat-tip *solid tulip* skont l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija mill-konvenut, bil-konvenut li għad irid iħallas lis-soċjetà attriċi il-bilanċ ta' €3,500. Qalet li minkejja li dawn il-bibien huma lesti, il-konvenut qiegħed jirrifjuta li jagħti data u ħin għall-installazzjoni tagħhom, u minkejja li hija interpellat lill-konvenut diversi drabi sabiex jersaq għall-ħlas, dan baqa' inadempjenti. Il-konvenut min-naħa tiegħu wieġeb permezz ta' ittra legali tal-5 ta' Settembru, 2019, fejn informa lis-soċjetà attriċi li huwa m'għandux bżonn dawn il-bibien għaliex il-fond fejn kellhom jitwaħħlu kien leħaq inbiegħ, u għalhekk permezz ta' kontro-talba talab li jiġi ritornat lilu d-depożitu ta' €900 li huwa kien ħallas lis-soċjetà attriċi, u dan stante li s-soċjetà attriċi kienet kisret il-ftehim li kien hemm eżistenti bejn il-partijiet, meta hija naqset milli tikkonsenja lilha l-bibien ordnati entro d-data mifthema. Is-soċjetà attriċi qalet li l-fattura in kwistjoni nħadmet abbażi tas-servizzi reżi kif miftiehem bejn il-partijiet, wara li hija ngħatat aċċess għall-fond tal-konvenut u ħadet il-

qisien relattivi. Qalet li għalhekk ma tistax tifhem għal liema raġuni l-konvenut qiegħed jgħid li m'għadx għandu bżonn tali bibien, u qiegħed jitlob li d-depożitu jiġi ritornat lilu.

**Mertu**

3. Permezz tal-azzjoni tagħha quddiem it-Tribunal, is-soċjetà attriċi talbet lit-Tribunal jiddikjara li l-konvenut huwa debitur tagħha fis-somma ta' €3,500 rappreżentanti xogħol fuq seba' bibien interni tal-injam, kif ukoll talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut jersaq għall-ħlas tal-istess.

4. Il-konvenut min-naħa tiegħu laqa' għal dawn it-talbiet billi eċċepixxa li t-talbiet tas-soċjetà attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex is-soċjetà attriċi kienet kisret il-ftehim bejn il-partijiet meta ittardjat diversi xhur biex ikkonsenjat il-bibien ordnati minnu. Qal li sadanittant huwa laħaq biegħ il-fond fejn kellhom jiġu installati dawn il-bibien, u għalhekk m'għadx għandu bżonnhom. Barra minn hekk, il-konvenut ressaq kontro-talba fejn talab lis-soċjetà rikonvenzjonata tirrifondi lura lilu s-somma ta' €900 imħallsa lilha bħala depożitu mill-konvenut rikonvenzjonant, u dan stante li kien hemm ksur tal-ftehim bejn il-partijiet meta s-soċjetà attriċi naqset li tikkonsenja l-bibien ordnati entro d-data miftiehma bejniethom.

5. **Sammy Ellul,** fl-*affidavit* tiegħu xehed li huwa direttur u azzjonist tas-soċjetà attriċi flimkien mal-mara tiegħu Rita Ellul, u qal li l-kumpannija tagħmel xogħol ta' bibien tal-injam *solid* u xogħol ta' injam li jinvolvi wkoll il-ħġieġ. Qal li

huwa mhux biss direttur u azzjonist tas-soċjetà attriċi, iżda wkoll impjegat tagħha, u x-xogħol tiegħu jinvolvi t-teħid ta' qisien fil-postijiet indikati mill-klijenti tal-kumpannija sabiex tkun tista' tiġi pproċessata l-ordni skont l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija. Kompla jgħid li l-kumpannija taħdem b'metodi sempliċi, fejn wara li tinħareġ l-istima tal-prezz tax-xogħol u l-ordni tiġi kkonfermata mill-klijent, il-kumpannija tagħti indikazzjoni ta' meta tkun ser issir il-kunsinna. Ix-xhud qal li d-data ta' meta x-xogħol ikun lest sabiex jiġi installat għand il-klijenti, tiddependi minn diversi fatturi, fosthom il-perijodu partikolari li fih jittieħdu l-qisien. Qal li normalment, wara li klijent iċempel lill-kumpannija u jitlob li xi ħadd imur jieħu l-qisien, il-qisien jittieħdu f'temp ta' ġimgħa mit-telefonata, u wara li jittieħdu l-qisien, l-ordni ddum bejn sitta u tmien ġimgħat sabiex tiġi pproċessata. Qal li għalhekk kollox jiddependi minn meta jittieħdu l-qisien, u minkejja li xi drabi l-klijent ikun infurmat li l-ordni ser tkun lesta fi żmien partikolari, dan ma jkun ifisser xejn jekk il-klijent jieħu żmien twil biex iċempel lis-soċjetà attriċi sabiex jagħmel appuntament għat-teħid tal-qisien. Ix-xhud qal li huwa sar jaf lill-konvenut meta dan kien għamel kuntatt mas-soċjetà attriċi u talab li xi ħadd imur fil-post indikat minnu sabiex jieħu l-qisien ta' seba' bibien magħmula minn *solid tulip.* Qal li l-appuntament għat-teħid tal-qisien sar għall-14 ta' Mejju, 2019, u dakinhar ix-xhud innifsu kien mar f'post Birkirkara, fuq struzzjonijiet tal-konvenut. Qal li dak iż-żmien fil-post kien għadu qiegħed jitwaħħal il-madum tal-kamra tal-banju, u huwa kien ħa l-qisien li kien hemm bżonn u informa lill-konvenut li x-xogħol kellu jdum bejn sitta u tmien ġimgħat biex jitlesta. Ix-xhud qal li fil-fatt l-ordni kienet lesta f'Awwissu tal-2019, iżda meta mart ix-xhud ikkuntattjat lill-konvenut sabiex tara meta kienet ser issir l-installazzjoni tal-bibien, dan kien infurmahom li ma kienx għad għandu bżonn il-

bibien għaliex il-post kien leħaq biegħu. Ix-xhud qal li x-xogħol li kien tlesta għall-konvenut, sar skont qisien speċifiċi, u għalhekk huwa ferm diffiċli li dawn il-bibien ikunu jistgħu jitwaħħlu jew jintużaw x'imkien ieħor. Qal li kull post jirrikjedi ħxuna, tul u qisien differenti ta' bibien, u wieħed irid jikkonsidra wkoll id-direzzjoni li fiha bieb irid jinfetaħ, u għalhekk il-konvenut għandu jħallas tal-bibien ordnati minnu, irrispettivament minn jekk dan għadx għandu bżonnhom jew le.

6. Dan kollu ġie kkonfermat minn **Rita Ellul**, li fl-*affidavit* tagħha qalet li hija azzjonista tas-soċjetà attriċi flimkien mar-raġel tagħha, u huma ilhom involuti f'dan ix-xogħol għal aktar minn għoxrin sena. Qalet ukoll li apparti li hija azzjonista tas-soċjetà attriċi, hija wkoll impjegata tal-istess kumpannija, u xogħolha jinvolvi d-*day-to-day management,* u tieħu ħsieb l-ordnijiet u tiltaqa' mal-klijenti. Qalet li hija saret taf lill-konvenut f'Diċembru tal-2018 meta dan mar fix-*showroom* tas-soċjetà attriċi sabiex jordna sebgħa bibien għar-residenza tiegħu, u qalet li b'kollox dawn kienu jiswew €4,480, li minnhom il-konvenut ħallas €900 bħala depożitu. Ix-xhud qalet li dakinhar tal-ordni, hija nfurmat lill-konvenut li ordni normalment iddum bejn sitta u tmien ġimgħat biex tinħadem, u għalhekk fuq il-fattura maħruġa hija indikat li x-xogħol possibilment kellu jkun lest għall-ħabta ta' April jew Mejju tal-2019, iżda dan kien possibbli biss f'każ li l-qisien ta' fejn kellhom jitwaħħlu l-bibien, jittieħdu f'Marzu. Ix-xhud qalet li dan kollu hija spjegatu lill-konvenut, u kienet qaltlu wkoll li wara li ttieħdet l-ordni, il-pass li jmiss kien li jsir appuntament sabiex impjegati tas-soċjetà attriċi jmorru fuq il-post jieħdu l-qisien, u jaraw x'hemm bżonn biex tinħadem din l-ordni. Ix-xhud qalet li l-konvenut ċemplilhom sabiex imorru jieħdu l-qisien f'Mejju tal-

2019, jiġifieri diversi xhur wara li kien għamel l-ordni. Ix-xhud qalet li dik il-ġimgħa stess li ċemplilhom il-konvenut, ir-raġel tagħha mar fuq il-post indikat mill-konvenut sabiex jieħu l-qisien, u wara beda x-xogħol fuq l-ordni tiegħu. Ix-xhud kompliet tgħid li l-perijodu ta' bejn sitta u tmien ġimgħat biex jitlesta x-xogħol beda minn dakinhar li ttieħdu l-qisien u mhux minn meta l-konvenut għamel l-ordni, u dan għaliex ix-xogħol fuq l-ordni ma setax jinbeda qabel jittieħdu l-qisien. Qalet li l-konvenut dam wisq biex ċemplilhom ħalli jmorru jieħdu l-qisien, u għalhekk ma setax jippretendi li x-xogħol fuq il-bibien jitlesta fi żmien ġimgħa jew tnejn. Ix-xhud qalet li meta x-xogħol tlesta f'Awwissu tal-2019, hija ċemplet lill-konvenut sabiex tinfurmah li x-xogħol kien lest, iżda huwa kien infurmaha li l-bibien ma kellux aktar bżonnhom għaliex kien biegħ il-fond fejn kellhom jitwaħħlu. Ix-xhud qalet li l-bilanċ dovut mill-konvenut lis-soċjetà attriċi jammonta għal €3,500.

7. Il-konvenut **Roni Demanuele**, fl-*affidavit* tiegħu qal li huwa kien mar il-ħanut tas-soċjetà attriċi f'Diċembru tal-2018, fejn hu u martu tkellmu ma' Rita Ellul. Qal li wara li raw ix-xogħol, huma qablu fuq disinn ta' bieb partikolari, u pproċedu bl-ordni ta' seba' bibien kollha tal-istess għamla, li l-prezz totali tagħhom kien ta' €4,480. Il-konvenut qal li huma ħallsu 10% depożitu mal-ordni tagħhom, u Ellul dakinhar infurmathom li l-konsenja tal-bibien ma setgħetx issir mill-ewwel, u rappreżentant tal-kumpannija kellu jmur fuq il-post bejn April u Mejju sabiex jieħu l-qisien, u fi żmien ġimagħtejn jew tlieta l-bibien kellhom ikunu lesti biex jitwaħħlu fuq il-post. Il-konvenut qal li hu u martu qablu ma' dan l-arranġament, u għalhekk poġġew ma' rappreżentant tal-kumpannija sabiex jagħmlu l-ordni tagħhom. Il-konvenut qal li dak il-ħin huma ġew infurmati li

minflok 10% depożitu, huma kellhom iħallsu 20%, jiġifieri €900 bil-quddiem. Qal li għall-ħabta ta' April hu u l-mara tiegħu ċemplu lis-soċjetà attriċi sabiex jaraw meta seta' jittieħed il-kejl tal-aperturi, u l-appuntament tagħhom ġie skedat għall-14 ta' Mejju, 2019. Qal li dakinhar li rappreżentant tas-soċjetà attriċi mar jieħu l-qisien fuq il-post, huma għal darb'oħra staqsew meta dawn il-bibien kellhom ikunu lesti, u ġew infurmati li fi żmien ġimagħtejn jew tlieta l-bibien kellhom ikunu lesti biex jitwaħħlu. Ix-xhud qal li għaddew diversi xhur u huwa baqa' ma sema' xejn mingħand is-soċjetà attriċi, u f'Awwissu ta' dik is-sena, żviluppatur li kien qiegħed jibni dar maġenb ir-residenza tagħhom kien interessat li jixtri d-dar tagħhom. Il-konvenut spjega li wara li hu u martu tkellmu u ħasbu l-affarijiet fit-tul, iddeċidew li jbiegħu d-dar tagħhom, u li jikkomunikaw ma' rappreżentanti tas-soċjetà attriċi sabiex jinfurmawhom li l-bibien ma kellhomx aktar bżonnhom. Il-konvenut qal li minkejja li pprova jikkomunika mas-soċjetà attriċi b'diversi modi, huwa ma rnexxilux jagħmel dan, sakemm fit-23 t'Awwissu, 2019 hu u martu għamlu l-konvenju għall-bejgħ tad-dar tagħhom. Żied jgħid li fis-27 t'Awwissu, 2019, Rita Ellul bdiet iċċemplilhom sabiex tara meta setgħet issir l-installazzjoni tal-bibien, u kien dak il-ħin li huwa nfurmaha li l-bibien ma kellhomx aktar bżonnhom. Ix-xhud temm jgħid li huwa jippretendi li jingħata lura l-flus imħallsa minnu bħala depożitu, għaliex l-arranġament li kellhom bejniethom il-partijiet inkiser b'diversi xhur.

8. Mart il-konvenut, **Sharon Demanuele** fix-xhieda tagħha quddiem it-Tribunal, ikkonfermat dakollu li xehed il-konvenut.

## Id-Deċiżjoni Appellata

9. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-13 ta' Lulju, 2021, it-Tribunal ċaħad it-talba prinċipali tas-soċjetà rikonvenzjonata u l-eċċezzjonijiet tagħha għat-talba rikonvenzjonali, filwaqt li laqa' t-talba rikonvenzjonali u l-eċċezzjonijiet għat-talba prinċipali tal-konvenut rikonvenzjonanti, u b'hekk ordna lis-soċjetà rikonvenzjonata tirrifondi lura lill-konvenut rikonvenzjonanti s-somma ta' €900 bl-imgħax legali mit-18 ta' Novembru, 2019, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**<u>X'kien il-kuntratt bejn il-partijiet</u>***

*Illi minn qari tan-noti tas-sottomissjonijiet mirquma tal-kontendenti jirriżulta li l-ebda parti ma ddedikat id-dovut ħin sabiex jiġi stabbilit x'tip ta' kuntratt kien eżistenti bejn il-partijiet. Fil-fatt jidher li ma hemmx qbil dwar dan għaliex il-ġurisprudenza ċitata tikkonċerna kemm sitwazzjonijiet rilevanti għall-bejgħ u appalt. Għalhekk, l-ewwel ħaġa li għandha tiġi determinata hija proprju r-relazzjoni ġuridika, ċioe l-bażi tal-ftehim għaliex naturalment tali klassifikazzjoni twassal imbagħad għar-rimedji disponibbli, skont il-każ.*

*Illi mingħajr mistħija, it-Tribunal jgħid li ħaseb fit-tul fuq dan il-punt, u qiesu bħala kruċjali għar-riżoluzzjoni ta' din il-vertenza. Huwa aċċettat fil-ġurisprudenza li d-differenza bejn bejgħ u appalt mhijiex dejjem daqshekk ċara, anzi tista' tkun waħda diffiċli għal min huwa tenut jiġġudika. (fn. 17 issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Anthony Marcel Pace Asciaq bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà kummerċjali "Continental Design Company Limited" vs Joseph Camilleri et</u>**, (Ċit. Nru. 1486/1994/1), mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' Jannar, 2004 fejn ġie ritenut hekk: "*Indubbjament l-istabbilizzar ta' din il-figura ġuridika hi ta' vitali importanza in kwantu ż-żewġ istituti, distintament kollokati fil-Kodiċi Ċivili, jipprovdu rimedji ben diversi." *Din is-sentenza tkompli tamplifika, b'riċerka rikka, id-distinzjoni bejn dawn iż-żewġ istituti. Fil-fatt, tkompli tikkonferma li: "*Premess dan li fuq ġie ravvisat, huwa innegabbli illi l-kompitu fir-riċerka tal-kriterju distintiv bejn vendita u locatio operis mhux nieqes minn diffikoltajiet. Dan hu hekk rikonoxxut mid-dottrina kif ukoll mill-ġurisprudenza.") *Tant li addirittura huwa rikonoxxut li jeżistu sitwazzjonijiet fejn il-kuntratt jissejjaħ bħala wieħed* misto. (*fn. 18 Ibid nru. 17, ġie*

*wkoll mgħallem hekk: "*F'dan il-kuntest ġie ritenut, dejjem fil-ġurisprudenza Taljana, illi, "si tratterà di vendita di cosa futura e non di appalto, quando il prodotto richiesto sia conforme ad un tipo o modello proprio dell'ordinaria produzione del'assuntore" (Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 4020 tal-1983). Tali tibqa' sitwazzjoni anke fejn jintalbu modifiki fl-oġġett, purche jkunu marġinali jew sekondarji, addottati biex jissodisfaw l-esiġenzi tad-destinatarju tiegħu. Min-naħa l-oħra jekk il-modifiki 'siano tali da dare luogo ad un 'opus perfectum' inteso come effetive e voluto risultato della prestazione, si tratterà invece di appalto' *(*Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 8445 tas-sena 2000). Jekk, imbagħad, ukoll il-kuntratt ma jkunx jista' jiġi każellat taħt it-tip wieħed jew l-ieħor, jista' jiġi kwalifikat bħala '*contratto misto'* (Qorti tal-Kassazzjoni, Nru. 83 tal-1972)."

*Illi mill-provi, ma jidhirx li dawn il-bibien kienu tant personalizzati li jitqiesu lilhinn jew distinti mix-xogħol normali tas-soċjetà attriċi. Anzi, jirriżulta li bibien simili huma parti mill-operat ta' kuljum tal-istess soċjetà. (fn. 19 Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Aplan Limited vs Emmanuel Bajada**, (App. Ċiv. Nru.: 330/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-27 ta' Novembru, 2009 fejn ġie mfisser hekk: "*Fil-partikolari, imbagħad, ġie ppreċiżat, dejjem minn din l-istess Qorti, illi 'huwa paċifiku illi l-kuntratt ta' opra jiddiferenza ruħhu minn dak ta' bejgħ ta' ħaġa futura minħabba l-prevalenza f'tal-ewwel tal-obbligazzjoni 'di facere' fuq dik 'di dare'. Jiġifieri l-element karatterizzanti tal-ewwel hi l-attività adoperata biex issir il-ħaġa, mentri fil-kompravendita hu l-oġġett innifsu. Teżisti l-ewwel ipotesi meta l-oġġetti jiġi konfezzjonat jew prodott in konsegwenza ta' natura speċifiku: ad exemplum, il-ħajjat li jagħmel libsa skont l-ordni tal-klijent. Invece fit-tieni każ, l-oġġett isir in esekuzzjoni ta' pjan ta' produzzjoni prestabbilit u indipendentement mill-konklużjoni ta' xi ftehim partikolari; ad exemplum, vettura li tiġi manifatturata mhux skont ordni singolari iżda in konformità ma' pjan ġenerali ta' produzzjoni.") *Għalhekk allura, l-obbligu prinċipali jixbaħ aktar obbligazzjoni prinċipali* di dare *milli* di fare, *bil-konsegwenza li r-relazzjoni bejn il-partijiet ixxaqleb aktar lejn l-istitut tal-bejgħ. (fn. 20 Fl-opra tiegħu **Trattato di Diritto Civile**, l-awtur Francesco Galgano, għal dak li jikkonċerna d-dritt aktar modern jgħid hekk in tematika: "*Anche quie egli è tenuto ad un facere, ossia a produrre il bene venduto, sulla base dell'obbligazione di cui all'art. 1476, m.2. Altro discorso vale quando si tratta di produzione non in serie, bensi personalizzata, oppure di produzione in serie di beni ai quali, su richiesta dell'altro contraente, debbano esser apportate varianti non marginali (come, ad esempio, l'automobile di serie con guida a desta), ma tali da caratterizzare il prodotto (come l'autocarro di serie da transformare per adibirlo a trasportati speciali). Qui il produttore si obbliga sia ad un dare sia ad un facere; ed il contratto non sarà più una vendita di cosa futura, ma sarà

un appalto o sarà un contratto atipico con causa mista". – CEDAM, 2010, II edizzjoni, Vol. 11 fol. 610.) *Illi l-Qrati tagħna, f'sitwazzjonijiet simili, fejn il-kawżi kienu jikkonċernaw il-manifattura ta' bibien u segwenti installazzjoni, sabu li ġeneralment dan ix-xogħol u l-kuntratt relattiv huwa wieħed ta' bejgħ. (fn. 21 F'dan is-sens it-Tribunal jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Debono et vs Uskin Ltd**, (App. Ċiv. Nru. 2/2006), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-28 ta' Marzu, 2008 fejn ingħad hekk: "*Fil-ħsieb tal-Qorti, fuq l-apprezzament tagħha tal-fatti kif hawn fuq ikkunsidrati, ix-xogħol ta' montatura li għamlet il-kumpannija konvenuta ta' komponent pre-fabbrikati tal-bieb kien wieħed servjenti unikament bħala mezz għal konsenja tal-istess bieb u tali hu inerenti għal kuntratt ta' bejgħ u mhux ta' *locatio operis.* Dan għaliex b'dik tax-xogħol ta' montatura ma jirriżultax li ġew żnaturati l-karatteristiċi essenzjali tal-bieb, mertu tal-kontrattazzjoni, iżda għandu jitqies bħala xi ħaġa marġinali u sekondarja diretta biex il-bieb jiġi adattat għall-esiġenzi speċifiċi tal-atturi." *Wieħed huwa mistieden ukoll biex jara dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Denis Farrugia et vs Joseph Dimech pro et noe**, (App. Ċiv. Nru: 111/2002/1, mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), nhar il-25 ta' Frar, 2004).*

*Illi dan it-Tribunal huwa konfortat ukoll bil-fatt lill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ukoll irriteniet illi l-operat tas-soċjetà attriċi huwa aktar simili ma' dak ta' bejgħ tant li rriferiet ukoll għall-artikolu 1385 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. (fn. 22 Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Nazzareno Fenech vs Sammy Ellul eżerċitanti l-kummerċ bħala Ellul Classic Design Woodworks Limited**, (App. Ċiv. Nru: 12/19), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) mogħtija nhar it-2 ta' Settembru, 2020. Dik is-sentenza kienet tikkonċerna fatti simili għal dawk hawn eżaminati. Huwa minnu li dik il-Qorti ma tatx applikazzjoni għall-artikolu 1385 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta iżda fil-fehma tat-Tribunal, dik il-Qorti għamlet hekk biss fuq il-provi li kellha f'dawk l-atti. Wara kollox, il-paragun bejn is-sentenzi huma odjużi. Dan il-proċess huwa separat u totalment distint minn dawk il-proċeduri u naturalment, il-provi miġjuba f'dawn il-proċeduri huma wkoll differenti).*

*Illi għalhekk, dan it-Tribunal qiegħed iqis lill-volontà tal-partijiet, u effettivament, il-kuntratt ta' bejniethom huwa wieħed ta'* compra-vendita.

***Mertu***

*Illi ġudikat dan, imiss issa li dan it-Tribunal jinvestiga l-azzjonijiet esperiti mill-kontendenti. Iqis però li jkun aktar utli li l-ewwel tiġi indirizzata l-kontro-talba tal-konvenuti. Dan qiegħed jingħad għaliex, għalkemm mhuwiex ċar, u ċertament il-konvenuti setgħu jirrediġu l-kontro-talba b'mod aktar safi, għandu jkun indubitat li*

*peress li qegħdin jitolbu r-rifużjoni tad-depożitu mħallas minnhom, qegħdin allura impliċitament jitolbu wkoll ir-riżoluzzjoni tal-bejgħ. Dan jitolbuh minħabba tardività tal-kunsinna. (fn. 23 l-artikolu 1385 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:* Jekk il-bejjiegħ jonqos li jagħmel il-kunsinna, fiż-żmien miftiehem, ix-xerrej jista' jitlob, kif jagħżel hu, jew li l-kuntratt jiġi maħlul, jew li huwa jiġi mqiegħed fil-pussess tal-ħaġa mibjugħa, iżda dan kemm-il darba d-dewmien ikun ġie kkaġunat mill-bejjiegħ biss.) *Għalhekk jekk tintlaqa' t-talba magħmula fil-kontro-talba, it-talba prinċipali tispiċċa għaliex b'dan il-ġudizzju dak il-bejgħ ikun xolt u allura ma jkunx hemm aktar lok t'investigazzjoni. It-Tribunal jgħid li sewwa għamel il-konvenut rikonvenzjonanti li wessa' dan il-litiġju permezz ta' talba rikonvenzjonali, għaliex huwa aċċettat li talba simili ma segħetx sempliċement tingħata* per via d'eccezione. (*fn. 24 issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***__Mirage Holdings Limited vs Martin Spiteri__*** *(Avv. Nru: 1440/1997/1) mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-15 ta' Diċembru, 2003 (mhux appellata) fejn ingħad hekk: "*Illi dwar il-premess għandu jingħad li l-konvenut kellu rimedju skont il-liġi disponibbli għalih, liema rimedju però ma eżerċitahx. Dawn, prinċipalment, jikkonsistu f'dak li jistipula l-Kodiċi Ċivili fl-artikolu 1068, 1385, 1390 u 1424 sa 1432 mingħajr esklużjoni ta' oħrajn applikabbli. Dawn ir-rimedji, però, ma jistgħux jingħataw '*per eccezione*' , iżda għandhom jintalbu permezz tal-apposta azzjoni skont u abbażi tal-preċitati artikoli. Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni sottomessa mill-konvenut ma hiex aċċettabbli u ma tistax tiġi akkolta.")

*Illi għandu jkun indubitat li wieħed mill-obbligi prinċipali tal-bejjiegħ huwa fil-fatt li ssir il-kunsinna. Jekk imbagħad ikun ġie miftiehem żmien speċifiku sabiex dan isir, allura l-bejjiegħ ikun obbligat isegwi dak hekk miftiehem. F'każ imbagħad li din il-kunsinna ma titwettaqx kif miftiehem, allura x-xerrej għandu żewġ għażliet. Jista' jagħżel jew li l-bejgħ jiġi xolt, jew jitlob l-eżekuzzjoni sfurzata tal-ftehim.*

*Illi issa, huwa minnu li fuq il-fattura relattiva (fn. 25 din tinstab a fol. 6 tal-proċess) hemm miktub hekk dwar meta kellha ssir il-kunsinna:* possible delivery April-May. *Huwa minnu wkoll, kif diġà indikat fil-*footnote *enumerat 22, li dan it-Tribunal huwa konxju bis-sentenza fl-ismijiet* ***__Nazzareno Fenech vs Sammy Ellul eżerċitanti l-kummerċ bħala Ellul Classic Design Woodworks Limited__****, (App. Ċiv. Nru: 12/19), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) mogħtija nhar it-2 ta' Settembru, 2020. Kif intqal hemmhekk però, dik il-Qorti kellha quddiemha l-fatti ta' dawk il-proċessi biss, u jidher li dak li l-aktar ġie enfasizzat hemmhekk kien proprju l-kliem utilizzat fuq fattura simili. Il-każ odjern però għex ħajja differenti, għaliex proprju mix-xhieda li ġiet prodotta, dan it-Tribunal huwa sodisfatt li l-kontendenti kienu ftiehmu data li fiha l-bibien kellhom jaslu.*

*Illi dan qiegħed jingħad prinċipalment għaliex minn qari tax-xhieda, speċjalment dik ta' Rita Ellul in kontro-eżami, jirriżulta li kienet ngħatat data, tant li hija stess tirrimarka li huwa minnu li kienu tardivi. (fn. 26 issir referenza partikolari għax-xhieda ta' Rita Ellul, mogħtija in kontro-eżami, nhar il-21 ta' Jannar, 2021. Huwa rilevanti għas-segwenti brani:* Dr Gabriel Farrugia: Issa minn -14 ta' Mejju għas-27 ta' Awwissu, kemm-il ġimgħa laħqu għaddew jekk jogħġbok? Xhud: Nammetti li hemm naqra tul ta' żmien; *Ukoll ix-xhud reġa' stqarret hekk:* it-Tribunal: Però hu mhux qed jistaqsik illi kellu jlesti l-bibien f'ġimagħtejn. Hu qed jistaqsik fl-4 ta' Mejju sar il-kejl; jidher li l-bibien kienu lesti fis-27 ta' Awwissu. Xhud: Iva. It-Tribunal: Inti stess qed tgħid illi t-terminu ta' sitta jew tmien ġimgħat, għax issa enfasizzajt iktar it-tmien ġimgħat, kienu għaddew. Xhud: Iva għaddew.) *Għal dan it-Tribunal, dak li ntqal ma jista' jiġi ekwiparat ma' xejn ħlief m'ammissjoni tal-fatt li data kienet ġiet stabbilita, għaliex ħadd ma jgħid li kien tardiv f'obbligazzjoni jekk ma jkunx hemm data. Il-fatt li wieħed jgħid li kien tardiv, loġikament, bilfors juri li kien tardiv sabiex iwettaq xi ħaġa u ma jistax ikollok tardività f'obbligazzjoni mingħajr data. Jekk qatt ma kien stabbilit perijodu, allura wieħed ma jistax jgħid li kien tardiv.*

*Illi mix-xhieda jirriżulta li huwa minnu li fil-ħin li ġie miftiehem l-oġġett u il-prezz, il-konvenuti rikonvenzjonanti ġew infurmati li kellhom iċemplu huma f'xi data sabiex isir appuntament biex jittieħdu l-miżuri. Hekk sar u allura dik il-kundizzjoni avverat ruħha. Wara dan l-appuntament, dan it-Tribunal huwa sodisfatt li s-soċjetà attriċi rikonvenzjonata reġgħet tat terminu sabiex issa ssir il-kunsinna. Mill-fatti jirriżulta ċar li l-bibien kienu lesti għall-kunsinna ferm aktar tard mill-perijodu stabbilit u li għalhekk l-istess soċjetà attriċi kienet inadempjenti. Għal dan it-Tribunal allura, jeżistu ċ-ċirkostanzi kollha fattwali sabiex dan il-bejgħ jiġi xolt.*

*Illi t-Tribunal irid ikun ċar ukoll li huwa mhuwiex qiegħed jiddeċiedi hekk minħabba l-fatt li l-konvenut rikonvenzjonanti eventwalment biegħu l-fond tagħhom. Dak l-aspett mhuwiex qiegħed jikkonfigura hawnhekk bħala raġuni. Dak li qiegħed jiġi deċiż huwa li kontendenti kienu ftiehmu data, u din id-data ma ġietx rispettata mis-soċjetà attriċi rikonvenzjonanti. Ir-raġuni tar-rifjut tal-oġġett huwa element soġġettiv iżda għal dan it-Tribunal mhuwiex neċessarju li jiġi investigat.*

*Illi magħdud ma' dak li ntqal hawnhekk, jingħad ukoll li s-soċjetà attriċi rikonvenzjonanti, għalkemm tammetti li kien hemm dewmien, imkien ma tipprova xi skużanti għal tali nuqqas. Huwa indiskuss li l-oneru li tipprova dan kien jinkombi fuqha. (fn. 27 Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Ciantar vs David Coleiro,** (Ċit. Nru. 974/00) mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-8 ta' Marzu, 2001 fejn sabet hekk:* "Illi l-Qorti ssib li, meħuda b'qies id-dispożizzjonijiet tal-liġi hawn fuq

imsemmija mqabblin mal-fatti tal-każ, il-konvenut naqas li jwettaq il-kunsinna kif kien obbligat mil-liġi li jagħmel, **u dan jagħti raġuni xierqa għat-talba tal-attur li jħoll il-bejgħ**;" (**enfasi tat-Tribunal**. *Fuq l-istess tematika, issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet* ***Michael Angelo Fenech bħala mandatarju ta' Alfred Fenech u b'nota tat-2 ta' Novembru, 1989 Alfred Fenech assuma l-atti f'ismu proprju vs Joseph Carbonaro bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta Abita Mobili Limited****, (Ċit. Nru. 464/83) mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta' Frar, 2001 fejn ukoll ingħad hekk: "*L-artikolu 1385 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi: "Jekk il-bejjiegħ jonqos li jagħmel il-kunsinna fiż-żmien miftiehem, ix-xerrej jista' jitlob, kif jagħżel hu, jew li l-kuntratt jiġi maħlul, jew li huwa jiġi mqiegħed fil-pussess tal-ħaġa mibjugħa iżda dan kemm-il darba d-dewmien ikun ġie kkaġunat mill-bejjiegħ stess." Huwa evidenti f'dan il-każ li mhux biss il-bejjiegħ ma għamilx konsenja fiż-żmien miftiehem, iżda saħansitra injora l-komunikazzjonijiet tax-xerrej. Il-fatt li bl-ittra tat-23 ta' Diċembru, 1982 il-konvenut nomine ngħata ħamest ijiem żmien biex jeffettwa l-konsenja ma tistax tippreġudika l-pożizzjoni tal-attur anzi tkompli turi l-inadempjenza tal-konvenut nomine. Inoltre jista' jingħad li saħansitra sad-data taċ-ċitazzjoni kienet għadha ma saritx konsenja legali. Għalhekk jeżistu l-elementi rikjesti mill-imsemmi artikolu biex l-ewwel talba tiġi milqugħa. Il-konvenut nomine mhux talli ma ta l-ebda raġuni valida għad-dewmien iżda ma ta l-ebda raġuni ta' xejn.") *Illi finalment ukoll, mill-atti ma jidhirx li s-soċjetà attriċi rikonvenzjonanti segwiet dak li jrid l-artikolu 948 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, marbut ma' dak li jgħid l-artikolu 943 tal-istess Kapitolu. B'din il-kawża qegħda tippretendi ħlas tal-bilanċ filwaqt li żammet l-istess bibien fil-pussess tagħha.*

*Illi t-Tribunal iqis li huwa kostrett, mir-riljev tal-fatti kif jemerġi minn dan il-proċess, li jilqa' t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonanti. Ġie pruvat, għalkemm id-data eżatta ta' meta sar il-ħlas huwa inċert, li effettivament id-depożitu ta' disa' mitt euro ġie effettwat.*

*Illi l-konsegwenza naturali ta' dak li qiegħed jiġi deċiż hija proprju r-rifużjoni tal-ammont imħallas bħala depożitu, proprju għaliex ir-riżoluzzjoni hekk jikkomprendi. (fn. 28 Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Joseph Meilaq vs Antoine Vassallo****, (App. Ċiv. Nru.: 238/2006/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-29 ta' Jannar, 2010 fejn intqal hekk: "*In tema, jingħad fis-sentenza fuq ċitata in re: "Caruana Curran nomine – vs – Mamo nomine" (21 ta' Lulju, 1953) illi fil-każ ta' riżoluzzjoni ta' ftehim id-danni jikkomprendu wkoll il-prezz tal-ħaġa li x-xerrej ikun ġia ħallas jew ir-restituzzjoni ta' dak li l-bejjiegħ ikun irċeva mingħand il-kompratur fl-okkażjoni tal-ftehim negozjali. Dan huwa hekk in kwantu l-obbligu tal-venditur, fil-fehma ta' din il-Qorti, m'għandux karattru riżarċitorju iżda hu, pjuttost, in

konsegwenza tal-inadempiment tal-bejjiegħ, ossija, in-nuqqas ta' konsenja tal-ħaġa għal liema ġie eżegwit il-ħlas tal-prezz. Prezz dan li fil-każ in eżami kien wieħed parzjali fis-sens ta' għoti ta' somma kontanti u tal-valur tal-vettura tal-attur li, skont il-ftehim, għaddiet fil-pussess, sew materjali, sew ġuridiku, tal-konvenut-venditur. Dan b'mod li l-konvenut kien fil-poter li seta' jiddisponi minnha għaliex wieħed għandu jippreżumi illi din is-setgħa fih ma setgħetx ma tkunx akkumpanjata minn dik tal-animus rem sibi habendi"). *Dan huwa konformi wkoll ma' dak li jrid l-artikolu 1404 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. (fn. 29 Dan l-artikolu jgħid hekk: "*Fil-każijiet kollha li x-xerrej għandu jedd li jerġa' lura mill-kuntratt, il-bejjiegħ għandu jroddlu, mal-prezz li jkun irċieva, l-ispejjeż tal-kuntratt u kull spiża leġittima oħra li jkollha x'taqsam mal-bejgħ.") *Għalhekk ukoll, it-talba prinċipali ma tistax tintlaqa'.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-talba billi filwaqt li jiċħad it-talba prinċipali tas-soċjetà rikonvenzjonata u l-eċċezzjonijiet tal-istess soċjetà għat-talba rikonvenzjonali, jilqa' t-talba rikonvenzjonali u l-eċċezzjonijiet għat-talba prinċipali tal-konvenut rikonvenzjonanti u b'hekk jordna lis-soċjetà rikonvenzjonata sabiex tirrifondi lura lill-konvenut rikonvenzjonanti, is-somma ta' disa' mitt Ewro (€900) bl-imgħax legali mit-18 ta' Novembru, 2019 (fn. 30 Data tal-preżentata tal-kontro-talba) sad-data tal-pagament effettiv.*

*L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetà rikonvenzjonata."*

**<u>L-Appell</u>**

10. Is-soċjetà attriċi rikonvenzjonata ressqet appell minn din id-deċiżjoni fit-2 t'Awwissu, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' l-aggravji mressqa f'dan l-appell, u tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata tat-13 ta' Lulju, 2021, u b'hekk tilqa' t-tabiet tas-soċjetà appellanta u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellat fl-intier tagħhom, kif ukoll tiċħad il-kontro-talba tal-appellat u tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta għall-kontro-talba tal-appellat.

11. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħassitha aggravata, għaliex it-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirriżultaw mill-provi

prodotti. Qalet li fid-deċiżjoni appellata, ġie implikat li l-fornitura tas-seba' bibien li ġew ordnati mill-appellat kienu ta' natura *standard* u li wieħed jista' faċilment jixtri dawn il-bibien mingħand is-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta spjegat li dawn il-bibien inħadmu mill-bidu u kienu personalizzati għax-xerrej, u kienu *made to measure* għalih. Qalet li irrispettivament min-natura tal-kuntratt bejn il-partijiet, il-fornitura tal-ordni ta' seba' bibien saret purament u speċifikament abbażi ta' dak li xtaq l-appellat, f'dak li jikkonċerna l-kulur, il-materjal, it-tip ta' *spray* u l-kejl partikolari tal-post fejn kellhom jitwaħħlu dawn il-bibien. Qalet li t-Tribunal skarta l-fatt li għalkemm hija toffri bibien ta' għamliet u tipi differenti, l-appellat personalment iddeċieda fuq id-disinn tal-bibien, il-kulur u l-għamla tagħhom, kif ukoll dwar il-fatt li dawn kellhom ikunu *solid tulip* u mhux injam li ried il-fornitur. Qalet li għalhekk hija min-naħa tagħha kienet obbligata tipprovdi l-bibien skont l-għażliet u l-qisien tal-appellat. Is-soċjetà appellanta qalet li m'għandux ikun dubitat li l-bibien inħadmu speċifikament skont il-ħtiġijiet tal-appellat, għaliex kieku ma kienx ikun hemm għalfejn li hija tibgħat ħaddiema tagħha fuq il-post sabiex jieħdu l-qisien. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal ma kienx korrett lanqas meta qal li l-partijiet kienu ftiehmu fuq id-data meta kellhom jitwaħħlu l-bibien, għaliex mill-provi għandu jirriżulta li d-data mogħtija kienet waħda approssimattiva, tant hu hekk li l-ftehim oriġinali bejn il-partijiet kien li l-ordni kellha tkun lesta f'April-Mejju tal-2019, iżda l-appellat ikkuntattja lis-soċjetà appellanta għall-qisien f'Marzu, u mill-provi jirriżulta li l-qisien ittieħdu f'Mejju tal-2019. Is-soċjetà appellanta qalet li l-proċedura li hija taħdem biha ġiet spjegata lill-appellat, u dan ġie infurmat li x-xogħol kien ser jieħu bejn sitta u tmien ġimgħat sabiex ikun lest. Is-soċjetà appellanta qalet li dak li ppretenda l-appellat, li x-xogħol ikun lest

u mwaħħal fi żmien ġimagħtejn jew tlieta, la huwa veritier u lanqas huwa realistiku, għaliex ordni bħal din riedet il-ħin biex tinħadem. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat ħa l-ħin tiegħu biex ċempel lis-soċjetà appellanta, u eventwalment il-qisien ittieħdu fl-14 ta' Mejju, 2019. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra li l-perijodu ta' bejn sitta u tmien ġimgħat li normalment huma meħtieġa biex titlesta ordni ta' bibien, huwa perijodu indikattiv, u bejn il-partijiet qatt ma ġiet miftiehma data partikolari dwar meta kellhom ikunu lesti u installati l-bibien. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li t-Tribunal skarta l-prova li hija resqet, li l-appellat u martu qatt ma ċemplu x-*showroom* tas-soċjetà appellanta sabiex jaraw l-ordni tagħhom fhiex kienet waslet.

12. Fit-tieni aggravju tagħha s-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi meta mar kontra l-prinċipji ta' ekwità li hu marbut isegwi skont l-artikolu 7(1) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-soċjetà appellanta qalet li minkejja li t-Tribunal huwa obbligat li jilqa' kull talba u kontro-talba skont il-prinċipji tal-ekwità, f'dan il-każ it-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-qerq u l-mala fede li mexa bihom l-appellat, u minflok iffoka biss fuq il-fatt li s-soċjetà appellanta kienet tardiva fil-konsenja bi ftit ġimgħat, u abbażi ta' dan iddikjara li l-ftehim bejn il-partijiet għandu jiġi xolt. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat, sa mill-bidu nett tal-provi tiegħu, ipprova jallega li huwa kien ingannat meta minflok intalab iħallas depożitu ta' 10%, intalab iħallas depożitu ta' 20%. Is-soċjetà appellanta qalet li mill-provi ma jirriżultax li dan huwa minnu, għaliex fuq il-fattura imkien ma hemm speċifikat kemm kellu jkun l-ammont li kellu jitħallas bħala depożitu. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li t-Tribunal naqas

milli jikkonsidra li hemm nuqqas ta' kredibbilità f'dak li xehed l-appellat, li huwa kien ġie infurmat minn esponenti tas-soċjetà appellanta li x-xogħol kellu jkun lest u installat fi żmien ġimagħtejn jew tlieta, għaliex din hija xi ħaġa li impossibbli ssir fil-prattika billi ordni ta' seba' bibien tieħu ż-żmien tagħha biex tinħadem u tiġi pproċessata. Is-soċjetà appellanta qalet li l-qerq u l-mala fede tal-appellat ikomplu jimmanifestaw ruħhom fin-nuqqas ta' komunikazzjoni tiegħu magħha, speċjalment in vista tal-urġenza u l-paniku li l-appellat u martu jgħidu li kellhom sabiex issirilhom il-konsenja tal-bibien. Is-soċjetà appellanta tgħid ukoll li minkejja li l-appellat qal li huwa pprova jikkomunika magħha diversi drabi, huwa ma ġab l-ebda prova ta' dawn it-tentattivi li suppost saru minnu. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk it-Tribunal naqas milli japprezza li għalkemm l-appellat fil-kontro-eżami qal li huwa ried li l-bibien jiġu nstallati, dan fl-ebda ħin ma ġab prova li b'xi mod ipprova jikkomunika magħha sabiex jara l-ordni tiegħu fejn kienet waslet. Is-soċjetà appellanta qalet li ladarba l-appellat kien tal-fehma li l-installazzjoni tal-bibien kienet ser teffettwa l-valur tal-fond, dan kellu jagħmel minn kollox sabiex hekk kif għaddew tliet ġimgħat minn meta fil-fehma tiegħu kellha ssir l-installazzjoni, dan jivverifika l-ordni tiegħu fhiex kienet waslet.

13. Is-soċjetà appellanta żiedet tgħid li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra li l-appellat dam xhur sħaħ sakemm ikkuntattjaha sabiex jittieħdu l-qisien, u meta għoġbu hu, qabad u qal li l-bibien ma kellux aktar bżonnhom, b'detriment għaliha. Qalet li t-Tribunal naqas ukoll milli jinvestiga r-raġuni tar-rifjut, jiġifieri l-fatt li l-appellat sab opportunità tajba sabiex ibiegħ il-fond, u għalhekk iddeċieda li lilha ma jħallashiex ta' xogħolha. Is-soċjetà appellanta qalet li t-

Tribunal ma kellux jikkonsidra biss l-artikolu 1385 tal-Kodiċi Ċivili, sabiex laqa' l-kontro-talba, iżda kellu wkoll jassigura li ssir ġustizzja bejn il-partijiet. Spjegat li hi wara li akkomodat lill-appellat u ħadmitlu l-bibien kif xtaq hu, dan mingħajr ebda komunikazzjoni jew pre-avviż iddeċieda li jirrifjuta l-bibien wara li dawn ġew maħduma speċifikament għalih. Qalet li dawn il-fatti kollha ġew injorati mit-Tribunal, li kkonsidra biss li hija kienet tardiva f'xogħolha. Qalet li hija min-naħa tagħha ma kinitx tardiva b'xhur jew snin twal, iżda bi ftit ġimgħat biss. Kompliet tgħid li t-Tribunal ma kkonsidrax lanqas li fil-prattika huwa normali li jkun hemm tardività fil-kunsinna tax-xogħol u dan jiġri għal raġunijiet varji, fosthom li jkun hemm drabi fejn ħaddiema jkunu ma jifilħux. Is-soċjetà appellanta qalet li l-inġustizzja magħha tkompli tipperpetwa ruħha mill-fatt li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra li l-appellat naqas li jinfurmaha li l-bibien huwa ma kellux bżonnhom aktar wara li ddeċieda li jbiegħ il-fond, iżda b'mod qarrieqi għall-aħħar baqa' ma kkomunikax magħha u ħalliha timmanifattura l-ordni li huwa kien għamel.

14. Is-soċjetà appellanta qalet li mill-provi ma jirriżultax li kien hemm komunika bil-miktub da parti tal-appellat, u lanqas jidher li dan intavola xi ittra uffiċjali biex jinfurmaha li l-ftehim ta' bejniethom kien ser jiġi xolt. L-appellat lanqas ma ħa passi legali sabiex jiġi rifuż l-ammont ta' €900, u kien biss wara li hija pproċediet kontrih, li dan intavola kontro-talba fejn talab li d-depożitu mħallas minnu jiġi ritornat lura lilu. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal skarta wkoll in-negliġenza u/jew il-qerq tal-appellat fejn naqas milli jinfurmaha li huwa ma kellux bżonn aktar il-bibien. Qalet li għalhekk ladarba hija ma ġietx infurmata minn qabel li l-bibien ma kienx għad hemm bżonnhom, u ladarba hija

mmanifatturat il-bibien tal-appellat abbażi tal-ordni tiegħu, ikun ġust u ekwu li l-appellat jintalab iħallas tax-xogħol. Fil-parti konklussiva tar-rikors tal-appell tagħha, l-appellanta qalet li t-Tribunal kellu jikkonsidra wkoll li l-appellat ikkontribwixxa għall-problema li sab ruħhu fiha, għaliex dan qabad u biegħ il-fond tiegħu mingħajr ma nfurmaha u mingħajr ma tefa' l-obbligu fuq min xtara l-fond, li dan jixtri wkoll il-bibien li kienu ordnati.

## <u>Ir-Risposta tal-Appell</u>

15. L-appellat fir-risposta tiegħu qal li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija waħda ġusta u timmerita konferma, u żied jgħid li huwa ferm sorpriż bl-appell għaliex fil-fehma tiegħu t-Tribunal daħal f'kull punt sollevat u kkonsidra l-provi kollha prodotti. Qal li bir-rikors tal-appell tagħha, is-soċjetà appellanta qegħda tipprova tiftaħ mill-ġdid l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal, minkejja li għandu jirriżulta mill-provi li t-Tribunal daħal *in funditus* fil-provi u wasal għad-deċiżjoni mirquma li wasal għaliha. L-appellat qal li minkejja li huwa minnu li qorti ta' reviżjoni għandha s-setgħa li jekk ikun hemm 'motivi gravi', terġa' tagħmel rieżami tal-provi miġjuba quddiem it-Tribunal, fil-każ odjern aktar ma wieħed jidħol fil-fond tal-provi u japplika l-prinċipji bażiċi li jirregolaw il-kuntratt ta' kompra-vendità, aktar wieħed jasal għall-konklużjoni li s-soċjetà appellanta m'għandhiex raġun. Qal li ma jeżistux 'motivi gravi' skont il-liġi sabiex din il-Qorti terġa' tidħol fl-apprezzament tal-provi, għaliex dan l-apprezzament diġà sar mit-Tribunal.

16. L-appellat qal ukoll li l-ewwel aggravju m'għandux jiġi milqugħ għaliex is-soċjetà appellanta qegħda tittenta tikkonvinċi lil din il-Qorti li għandu jsir apprezzament mill-ġdid tal-provi. L-appellat qal li għandu jirriżulta bl-aktar mod ċar li f'dan il-każ għaddew bosta ġimgħat bejn l-ordni tiegħu u l-kunsinna tal-bibien, u l-kunsinna f'dan il-każ kienet l-obbligu ewlieni tas-soċjetà appellanta.

17. B'riferiment għat-tieni aggravju, l-appellat qal li t-Tribunal għandu diskrezzjoni japplika l-prinċipju tal-ekwità f'każ li jidhirlu li jkun opportun li jagħmel dan. Qal li f'dan il-każ dan il-prinċipju ma kellux għalfejn jiġi applikat, għaliex il-ftehim bejn il-kontendenti huwa ċar u minnu joħorġu obbligi ċari. L-appellat qal li lanqas ma jreġi l-argument li kien hemm qerq jew *mala fede* da parti tiegħu, għaliex l-uniku obbligu li kellha s-soċjetà appellanta kien li tipprovdi l-bibien, u n-nuqqas tagħha li tagħmel dan skont iż-żmien miftiehem, mhuwiex nuqqas li għandu jwieġeb għalih l-appellat jew il-mara tiegħu. L-appellat għalaq billi qal li l-Qorti għandha tiċħad ir-rikors tal-appell u tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal fl-intier tagħha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

18. Qabel ma tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji sollevati mis-soċjetà appellanta, il-Qorti sejra tindirizza l-eċċezzjoni preliminari tal-appellat dwar jekk din il-Qorti għandhiex tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi, kif qegħda tippretendi s-soċjetà appellanta. L-appellat saħaq li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija waħda dettaljata, li daħlet fil-profond tal-provi prodotti, u li analizzat il-fatti kif ġraw sabiex finalment it-Tribunal ta id-deċiżjoni

tiegħu. Il-Qorti tirrileva li bħala qorti ta' reviżjoni hija m'għandhiex il-mansjoni li tagħmel analiżi mill-ġdid tal-provi, għajr f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn il-konklużjonijiet tal-ewwel Qorti, f'dan il-każ it-Tribunal, ma jkunux raġonevoli, jew fejn tkun sejra ssir inġustizzja manifesta ma' xi parti jew oħra. Fi kwalunkwe każ il-Qorti tikkonsidra l-provi miġjuba quddiem l-ewwel Qorti jew Tribunal anki jekk ma tagħmilx evalwazzjoni tagħhom mill-ġdid, u dan sabiex tkun f'qagħda aħjar li tiddetermina l-vertenza li jkollha quddiemha. Iżda fil-każ odjern, il-Qorti mhijiex konvinta li bid-deċiżjoni tat-Tribunal ma saritx inġustizzja mas-soċjetà appellanta, u huwa għalhekk li minn issa qegħda tirrileva li l-provi f'dan il-każ mhux biss ġew ikkonsidrati mill-ġdid, iżda ġew wkoll evalwati mill-ġdid, għaliex il-Qorti ma qablitx mal-konklużjoni li fuqha ġiet imsejsa d-deċiżjoni tat-Tribunal, jiġifieri li mill-provi jirriżulta li dan kien kuntratt ta' kompra-vendita u mhux kuntratt ta' appalt. It-Tribunal ikkonkluda li l-bibien ordnati mill-appellat ma kinux daqstant distinti minn prodotti oħra hekk meqjusa *standard* li jinbiegħu mis-soċjetà appellanta, u għalhekk wasal għall-konklużjoni li dan kien kuntratt ta' bejgħ, fejn l-obbligu ewlieni tas-soċjetà appellanta kien li din tikkunsinna l-prodott ordnat. Din il-Qorti ma qablitx ma' din il-konklużjoni tat-Tribunal, u huwa għalhekk li sejra tikkonsidra ż-żewġ aggravji sollevati mis-soċjetà appellanta fid-dettall.

*L-ewwel aggravju:* *[nuqqas ta' apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirriżultaw mill-provi prodotti]*

19. Fir-rikors tal-appell tagħha, is-soċjetà appellanta spjegat li t-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-premessa żbaljata li l-bibien kienu prodott

*standard* u li dan kien kuntratt ta' kompra-vendita, fejn l-appellat għamel ordni ta' bibien li kellhom jitwasslu fil-post indikat minnu mis-soċjetà appellanta. Imma mill-provi jirriżulta li din l-ordni kienet waħda li kellha tinħadem fuq l-ispeċifikazzjonijiet tal-klijent, b'kuluri, tip ta' materjal, qisien, u disinn magħżul mill-appellat. Id-direttur tas-soċjetà appellanta spjega fid-dettall ir-raġunijiet għalfejn mhux faċli li bibien bħal dawn, li jsiru fuq ordni u skont speċifikazzjonijiet ta' klijent partikolari, ma jkunux jistgħu jitwaħħlu f'post ieħor jew jinbiegħu lil klijenti oħra, għaliex anki d-direzzjoni li fiha jrid jinfetaħ il-bieb taffettwa l-produzzjoni tiegħu. Jirriżulta li qabel ittieħdu l-qisien tal-ordni fuq il-post fejn kellha ssir l-installazzjoni, din l-ordni ma setgħetx tibda tinħadem mis-soċjetà appellanta, u kien biss wara li ġew stabbiliti l-qisien fuq il-post, li din l-ordni setgħet tiġi pproċessata mis-soċjetà appellanta. Barra minn hekk, minkejja li jirriżulta li l-ewwel darba li l-appellat u martu marru x-*showroom* tas-soċjetà appellanta kien f'Diċembru tal-2018, dawn damu sal-bidu ta' Mejju tal-2019 biex ikkuntattjaw lis-soċjetà appellanta biex din tibgħat lil xi ħadd mill-impjegati tagħha biex jieħu l-qisien fuq il-post. Fil-fatt il-qisien ittieħdu f'Mejju tal-2019, u l-komunikazzjoni min-naħa tas-soċjetà appellanta sabiex issir l-installazzjoni tal-bibien maħduma, saret f'Awwissu tal-istess sena. Il-Qorti qieset li mill-provi ma jirriżultax li s-soċjetà appellanta intrabtet b'data speċifika li fiha kellha ssir il-kunsinna, iżda l-indikazzjoni kienet li kienu meħtieġa bejn sitt u tmien ġimgħat sabiex l-ordni titlesta. F'dan ir-rigward, u kuntrarjament għal dak li kkonkluda t-Tribunal, din il-Qorti qieset li l-istqarrija tal-appellat li huwa ġie infurmat li l-kunsinna ta' din l-ordni setgħet issir fi żmien ġimagħtejn jew tlieta minn meta ttieħdu l-qisien, ma tantx hija waħda kredibbli jew verosimili. It-tip ta' xogħol ordnat mill-appellat, li jrid jinħadem skont l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija minnu,

ċertament li mhux xogħol li jista' jitlesta fi żmien daqstant qasir kif indikat minnu.

20. Il-Qorti qieset ukoll li mill-provi jirriżulta li l-appellat m'għamel l-ebda komunikazzjoni mas-soċjetà appellanta fil-perijodu ta' żmien li skont hu kellha ssir il-kunsinna. L-appellat qal li għadda x-xahar ta' Ġunju, Lulju, u beda Awwissu, meta saritlu l-offerta għall-bejgħ tad-dar fejn kellhom jitwaħħlu l-bibien, u għal xi raġuni l-appellat fl-ebda waqt ma ħass il-ħtieġa li jikkomunika mas-soċjetà appellanta sabiex jara l-ordni tiegħu fhiex waslet. Kien biss wara li l-appellat innegozja l-bejgħ tad-dar tiegħu u resaq għal konvenju, li dan ħass il-ħtieġa li jinforma lis-soċjetà appellanta li l-bibien in kwistjoni ma kinux għadhom meħtieġa għaliex id-dar kienet inbiegħet lil terzi. F'dan ir-rigward, il-Qorti qieset ix-xhieda mogħtija mill-appellat innifsu, li qal li minkejja li d-dar tiegħu kienet miżmuma fi stat tajjeb ħafna, il-fatt li fil-post ma kienx hemm bibien imwaħħlin kien fattur li ħadem kontra tiegħu meta ġie biex jinnegozja l-prezz max-xerrejja. Huwa proprju hawnhekk li l-Qorti qieset li l-appellat ma kienx kredibbli f'dak li qal, għaliex min-naħa l-waħda pprova jagħti l-impressjoni li huwa ġie preġudikat bil-fatt li kien hemm dewmien biex issir l-installazzjoni, u min-naħa l-oħra dan ma ġab l-ebda prova li pprova jikkomunika mas-soċjetà appellanta xi żmien qabel ma huwa nnegozja l-bejgħ tad-dar tiegħu. Fuq kollox ma jirriżultax li l-appellat ipprova jwaqqaf il-manifattura tal-bibien, qabel dawn fil-fatt ġew manifatturati u kienu lesti biex jitwaħħlu. Il-Qorti tosserva li l-bejgħ ta' dar ma jiġix innegozjat mil-lum għal għada, u jekk huwa minnu li l-appellat kien ser jiġi ppreġudikat daqshekk bil-fatt li d-dar tiegħu kienet sejra tinbiegħ mingħajr il-bibien installati, dan kien jara kif jagħmel u jipprova jikkuntattja lis-soċjetà

appellanta ferm qabel l-aħħar t'Awwissu. Din il-Qorti tqis li mġiba raġonevoli da parti tal-appellat kienet tkun dik li huwa jċempel ix-*showroom* tas-soċjetà appellanta sabiex tal-anqas jara l-ordni tiegħu fhiex waslet, u mhux jistenna li dawn jikkuntattjawh bid-data meta kellha ssir l-installazzjoni biex jinfurmahom li l-bibien huwa ma kellux aktar bżonnhom għaliex id-dar tiegħu kienet inbiegħet.

21. Il-Qorti tqis illi l-provi prodotti kollha jindikaw li l-ftehim bejn il-partijiet kien dak ta' appalt, u hawn tiċċita x'jgħid il-ġurista Domenico Rubino, "L'Appalto", UTET 1958, 3a edizione; §13, p 20, li *"la principale obbligazione dell'appaltatore è un'obbligazione di fare (l'opera o il servizio)",* b'differenza minn kuntratt ta' bejgħ, fejn *"la principale obbligazione del venditore è una semplice obbligazione di consegnare (la cosa)".* Dan ma kienx każ fejn l-appellati marru x-*showroom* tas-soċjetà appellanta u għażlu numru ta' bibien li kellhom jiġu installati fid-dar tagħhom, u lanqas li kieku kellu jirriżulta li dawn għażlu bieb li kien *mass produced,* il-fatt li riedu sebgħa bibien ifisser li dawn il-bibien kellhom jiġu manifatturati, u dan seta' jsir biss wara li jittieħdu l-qisien fuq il-post. Din il-Qorti għalhekk tqis li hija għal kollox gratuwita l-aspettattiva tal-appellat u martu li mhux biss il-kuntratt kellu jiġi rexiss għaliex huwa ddeċidew li jbiegħu l-proprjetà tagħhom, iżda anki d-depożitu mħallas minnhom kellu jiġi ritornat lura lilhom. Din il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta huwa ġustifikat, u qed tilqgħu għaliex qegħda taqbel li ma sarx apprezzament korrett tal-fatti kif jirriżultaw mill-provi.

*It-tieni aggravju:* *[it-Tribunal naqas milli jimxi abbażi tal-ekwità]*

22. Is-soċjetà appellanta tqis illi t-Tribunal naqas milli jimxi abbażi tal-ekwità meta laqa' t-talba rikonvenzjonali tal-appellat u ċaħad it-talbiet tagħha. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal messu interpreta l-imġiba tal-appellat u martu, li hija tgħid li mxew b'qerq u b'mala fede, imma minflok it-Tribunal iffoka fuq il-fatt li s-soċjetà appellanta kienet tardiva fil-kunsinna tal-bibien bi ftit ġranet jew ġimgħat.

23. Il-Qorti diġà tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn dan l-appell għandu jiġi milqugħ. Anki abbażi tal-ekwità, għandu jirriżulta li l-bibien ġew manifatturati fuq talba speċifika u fuq struzzjonijiet tal-appellat u martu, u li dawn ma kellhomx jinqdew bil-fatt li huma biegħu d-dar tagħhom biex joħorġu mill-obbligu li kkuntrattaw mas-soċjetà appellanta. L-appellat kellu l-obbligu li jew iħassar l-ordni tiegħu hekk kif kellu l-ewwel indikazzjoni li d-dar tiegħu kienet sejra tinbiegħ, jew inkella li jobbliga lix-xerrej prospettiv tad-dar tiegħu li jħallas hu għall-bibien li kellhom jiġu nstallati. Wara kollox l-appellat xehed li l-fatt li ma kienx hemm bibien installati fil-fond ħadem kontrih, u għalhekk ċertament li kien fl-interess tiegħu li jara kif jagħmel sabiex l-ordni li kien għamel tiġi esegwita. Għall-Qorti m'hemm xejn raġonevoli fil-pretensjoni tal-appellat li dawn il-bibien setgħu jiġu manifatturati u installati f'temp ta' tliet ġimgħat, u jkun fieragħ li wieħed ikollu aspettattivi bħal dawn, partikolarment f'qasam ta' negozju fejn ċertament is-soċjetà appellanta ma kellhiex biss l-ordni tal-appellat, iżda kellha wkoll ordnijiet oħra li riedet tissodisfa.

24. Il-Qorti tqis li t-Tribunal injora wkoll il-prinċipji tad-dritt ekwitattiv fil-konklużjoni li wasal għaliha, u huwa għalhekk li d-deċiżjoni li ngħatat hija waħda

li tista' titqies li ma tagħmilx ġustizzja, għaliex la tirrispetta l-fatti kif ġraw, u lanqas il-fatt li bl-imġiba tiegħu l-appellat kkontribwixxa sew għaċ-ċirkostanzi li taw lok għal dawn il-proċeduri. Għaldaqstant tqis illi t-tieni aggravju huwa wkoll mistħoqq, u tilqgħu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qegħda tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tilqgħu, u konsegwentement qegħda tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tilqa' t-talbiet tas-soċjetà appellanta, tikkundanna lill-appellat iħallas is-somma ta' tliet elef u ħames mitt Euro (€3,500) lis-soċjetà appellanta, filwaqt li tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali tal-appellat.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal u l-ispejjeż ta' dan l-appell, għandhom ikunu a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**